

# TAGĦRIF DWAR SEPULKRI ARTISTIĊI

*Brian Bonnici*

## L-ewwel Parti - Is-Sepulkru tal-Imdina

Sepulkru li jiġbed tant nies nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija u l-Ġimgħa l-Kbira filgħodu, u li bis-saħħa tiegħu l-Imdina darba fis-sena ssir bejta ta' pellegrini devoti, – il-mekka tal-Viżti tas-Seba' Knejjes – intrama għall-ewwel darba fl-1752 u sar fuq disinn ta' Pietro Paolo Troisi, iben Carlo (1650 – 1730) li kien l-arġentier magħruf bħala Mastru taz-Zekka. Nafu li Troisi talab lill-Granmastru Perellos biex ikompli jaħdem fejn kien ħalla missieru, u ħadem għall-ewwel darba fiz-Zekka f'April tal-1714. Kien hemm żminijiet meta dan kien meqjus bħala opra ta' Gafà imma permezz tar-riċerka tal-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi, issa nafu l-verità kollha dwaru.

Kollox jindika li Pietro Paolo, bħal missieru, kellu kuntatt dirett max-xena artistika kontemporanja ta' żmienu barra minn xtutna. Dun Ġwann Galea, Kuratur tal-Mużew tal-Katidral, jgħid li d-disinn ta' dan is-sepulkru sar għall-ewwel darba fl-1727 (tliet snin qabel Carlo marad fl-età ta' 80 sena). Nafu wkoll li ta' dan id-disinn, Pietro Paolo talab 5 zekkini.



Fl-1747 il-Kanonku Giovanni Marija Azzopardi, kien tqabbad mill-Kanonku Gaspar Andrea Garcin biex jieħu ħsieb ix-xogħol fuq is-sepulkru, għaliex stqarr li ma setax jissaporti l-faqar ta' sepulkru li kellu l-Katridral *sfasciume di robbe già lacere e rapezzate.* B'hekk nhar it-2 ta' Mejju tal-1751, sena wara l-mewt ta' Troisi u 24 sena wara li sar id-disinn, il-Kanonku Azzopardi ppreżeta d-disinn, li kien approvat.



*ikompli f'paġna 39*

Dan ix-xogħol artistiku imprezzabbli nħadem minn Francesco Zahra fl-1752 u skont tagħrif li ħareġ minn riċerka li saret mill-Kuratur tal-Mużew tal-Katidal, Dun Ġwann Azzopardi, fih taw sehemhom seba' pitturi oħra Maltin, fosthom Ġużeppi Buhagiar. Dan ix-xogħol sabiħ, li ħafna jiddeskrivuh bħala ġenna fl-art, ikompli jikkonferma l-ħila tad-disinjatur, Pietru Pawl Troisi u l-pittur Malti, Francesco Zahra (1710 – 1773) li ħadem dan il-ġojjell imprezzabbli 50 sena wara li l-arkitett, Lorenzo Gafà (1638 – 1703) lesta l-Katidral (1702). Dan ix-xogħol maestuż, b'anġli ferħana jittajru, il-Missier Etern jitgħaxxaq b'Ibnu fit-tabernaklu, raġġi ta' dawl, tiżjin arkitettoniku, skultura u pittura, jixhed il-ħrara, l-istudju profond tal-Barokk speċjalment Ruman, u l-paċenzja li ħa.

F'dan is-sepulkru meraviljuż, li jintrama fil-kappellun ta' San Luqa u li jieħu r-Randan kollu biex jitlesta, jispikka x-xogħol fl-injam li huwa maħdum biċċa biċċa, kollha nnumerati, b'qisien perfettissimi. Il-kopletta hija maqsuma f'14-il felli mżejna b'anġli jittajru madwar il-Missier Etern. Fdan ix-xogħol, il-Pittur Zahra juża l-istil *sotto in su* li hija illużjoni ottika, fejn, biex ħoloq it-tielet dimensjoni, Zahra ħaseb li juża vireg tal-ħadid imwaħħla mal-koppletti biex magħhom jiddendlu l-anġli. L-id ta' Zahra tinħass l-aktar meta tqabbel dan ix-xogħol mal-koppletti tal-kappella tal-Kurċifiss jew tas-Sagrament fl-istess Katidral.

Jispikkaw ukoll is-sitt kolonni mibruma li jifirdu l-ħames arkati, kif ukoll il-kolonnar fl-art tal-kappella li huwa marbut bil-balavostri. F'dan ix-xogħol hija evidenti l-influwenza ta' Bernini (1598 – 1680) u l-impatt li seta' ħalla l-baldakkin tal-Bażilika ta' San Pietru li sar bejn l-1624 u l-1633.

Dan is-sepulkru huwa mżejjen ukoll b'għadd sabiħ ta' anġli li qed iżommu s-simboli tal-passjoni, fosthom lanza, sponża u kuruna tax-xewk kif ukoll ix-xbieha ta' mara li tirrappreżenta l-fidi. Din tinsab fuq nett tal-kappella tal-injam u l-ġnub tagħha għandha żewġ anġli li nħadmu mill-Istatwarju Żebbuġi, Saverio Laferla. Hawn Laferla bħal donnu kien influwenzat kemm minn Ġużeppi Fabri u indurati minn Ġużeppi Buhagiar, filwaqt li Gio Andrea Troisi u Annetto Pullicino (1723) fi żmien disa' xhur ħadmu l-kapsola tal-fidda bir-raġġiera doppja li fiha jispikka wkoll il-Barokk ta' Bernini, u t-tabernaklu tal-fidda maħdum *a martello* mdawwar bl-anġli u indurat minn Giovanni Bessier.

Dan is-sepulkru li fih għadd kbir ta' xemgħat, dari kien jinxtegħel bit-tazzi taż-żejt u xejn inqas minn 230 musbieħ, allura trid timmaġina x-xogħol li kien jieħu s-sagristan biex jitfi, jixgħel u jżid iż-żejt anke f'postijiet għoljin! Għalhekk fih hemm seba' bibien moħbija biex wieħed ikun jista' jidħol fih u jixgħel ix-xemgħat faċilment. Bħas-sepulkri l-oħra, dan ukoll ikun imżejjen b'għadd sabiħ ta' arranġameti tal-fjuri l-aktar qronfol abjad u buqari. Dan is-sepulkru kien irrestawrat diversi drabi, fosthom dan l-aħħar minn Alfred Briffa li dam sentejn biex lestieh.

 ***ikompli fl-edizzjoni li jmiss***